ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 46 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Frar 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Frar 2012;

   c)Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghar-Raba' Kwart(Ott-Dic'11) u L-Istqarrijiet Finanzjarji 2011 - Kumitat tal-Finanzi;
5. *Resurfacing* l-A*rea* ħdejn il-Grawnd;
6. Toroq;
7. Qlugħ u tħawwil ta' Sigar;
8. Talba għad-devoluzzjoni tal-art fi Triq il-Ħannieqa.;
9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 45 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

a. Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju kellu laqgħa ma' membri tal-kumitat tal-futbol dwar dik il-biċċa art li hemm fejn se jiġu d-*dressing rooms* ħdejn il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku qal li l-Kunsill bħalissa mhux f'pożizzjoni li jħallas biex issir din il-biċċa art bit-tarmak, għaldaqstant, wara diskussjoni sar qbil li jekk il-kumitat tal-futbol lest li jħallas nofs l-ispejjeż biex issir din il-biċċa art bit-tarmak, il-Kunsill jkun jista' joħroġ in-nofs l-ieħor tal-ispiża.

b. Is-Sindku qal ukoll li saret laqgħa ma' Ms Roxanne Cole mil-*Paola Day Centre*, fejn din ta' l-aħħar spjegat li fil-*Paola Day Centre* jingħata servizz relatat mas-saħħa mentali, fejn dawk li jżuru s-*Centre* jingħataw lezzjonijiet biex jgħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom. Is-Sinjorina Cole qalet li xtaqu jagħtu *lectures* lir-residenti ta' Ħal Għaxaq dwar x'joffri s-*Centre*.
Is-Sindku issuġġerixxa li jingħataw *lectures* lill-ommijiet waqt il-ħin tal-iskola kif ukoll għal dawk in-nisa li jattendu il-*Mother & Baby Club* fis-Sala tal-Kappillan ġewwa Ħal Għaxaq.
Is-Sinjorina Cole qalet ukoll li residenti li jżuru s-*Centre* tagħhom għandhom problema bit-trasport pubbliku minħabba li l-karozza tal-linja ma tgħaddiex mir-Raħal Ġdid. Is-Sindku qal li din il-problema diġa' ġiet indirizzata minn naħa tal-Kunsill kemm mal-Arriva kif ukoll ma' *Transport Malta* u ssuġġerixxa li s-Sinjorina Cole minn naħa tas-*Centre* tindirizza din il-problema ukoll.

c. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju intaqgħu mas-Sur Mario Farrugia, ic-Chairman ta' Wirt Artna fejn ġiet diskussa l-possibilita' li Wirt Artna tgħin l-Kunsill biex tiġi rranġata t-Turretta.
Is-Sur Farrugia qal li Wirt Artna se toħroġ xi proposti u tibagħathom lill-Kunsill u wara dawn jiġu diskussi.

*d.* Is-Sindku qal li l-Kuntrattur is-Sur Charles Sammut flimkien mal-*Project Manager* is-Sur Aaron Abela ġew l-uffiċċju tal-Kunsill fejn iffirmaw il-kuntratt biex jibda ix-xogħol tal-*Playingfield* f'Dawret Ħal Għaxaq. Ix-xogħol żid jgħid is-Sindku mistenni jibda fil-15 ta' Marzu 2012.

e. Is-Segretarju qalet li l-kompjuter li hemm fl-uffiċċju tas-Sindku bil-ħsara u mhux vjabbli li jissewwa'. Il-Viċi Sindku ppropona li l-aħjar jinxtara *laptop* għax ikun aktar vjabbli. Il-Kunsill qabel.

**3.** **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu Memo 10/2012 dwar Permessi temporanji għal bejjiegħa fit-toroq *(street hawkers)* sabiex jigi infurmat is-Superintendent tal-Pulizija tad-Distrett.

   Infurmaw ukoll dwar Kors li ser isir fil-*Mental Health Association Malta*, mit-2 ta' Marzu sal-1 ta' Ġunju, 2012.
   Bagħatu wkoll dwar il-varar tal-Iskema dwar Attivitajiet Sportivi li saret fit-2 ta' Marzu, 2012, fit-3:00 p.m. fl-Iskola Primarja ta' Ħal Għargħur.

2. Mill-MEPA rċevejna dwar Notifika ta' Avviż fi Triq Dun M. Mallia fejn garaxx qed jintuża għal *sprayer* minghajr il-permessi meħtiega.

   Infurmaw ukoll dwar il-bilanċ disponibbli tal-*UIF Statement of Funds* li huwa ta'
   € 23,584.92.

3. Mingħand Bonnici Bros. Ltd., fejn bagħatu żewġ stimi ta' xogħol ta' *re-surfacing* li jrid isir f'Tal-Andar u fi Triq it-Telleritu li jammontaw għal € 59,871.06 u € 67,952.94 rispettivament. Dwar dan is-Sur Abdilla qal li aħjar issir triq sewwa milli ħafna w ma jsirux sew, qal ukoll dawk l-affarijiet li jeħtieġ li jsiru għandhom isiru.

4. Mingħand is-Sur Reuben Sciberras dwar Avviż Legali 476 tal-2011 dwar l-użu tal-iskips u *bins-on-wheels*.

5. Mingħand Claire Cini tal-Agenzija Sapport, fejn sar qbil li l-*pageant* ser tipprova ssir fl-Iskola ta' Ħal Għaxaq, data għad triq tiġi ffissata.

6. Mingħand Roxanne Cole dwar il-Promozzjoni fil-Komunita' dwar is-Saħħa Mentali, fejn din iltaqet mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

7. Mingħand Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn qed jistiednu lill-Kunsill għall-quddiesa fid-19 ta' Marzu, 2012, fit-8:00 a.m. u wara għaċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-fjuri. Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-bukketti tal-fjuri bħas-snin ta' qabel.

8. Mingħand Alberta fejn bagħatu kwotazzjoni għal *CCTV camera*.

9. Mingħand Nikki Bilocca dwar il-proposta għal tour virtwali fejn qed joffru l-prezz ta' € 450 + vat li apparti il-vilaġġ inkludew ukoll iż-żedwġ Każini tal-Banda.

10. Mingħand l-Uffiċċju Elettorali fejn infurmaw li r-Reġistru Elettorali li jmiss jkun ippublikat f'April hija l-31 ta' Marzu.

11. Kopja ta' Artikolu tal-14 ta' Frar, 2012, fuq il-ġurnal l-Orizzont bl-isem ta' '*Residenti ta' Ħal Għaxaq u l-Gudja mhux moqdijin tajjeb bl-Arriva*.'

12. Mingħand *Popeye Village* bl-lista tal-prezzijiet tal-*coffee mornings* u x'attivitajiet oħra li jistgħu jiġu organizzati.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur David Vassallo tat-*Transport Malta* dwar ħofra li hemm quddiem ħanut f'Dawret Ħal Għaxaq eżatt quddiem il-ġibjun.

b) Intbagħatet e-mail lill-Asfaltar, Polidano u Bitmac, fejn tlabnihom kwotazzjoni għal cold tarmac, fejn dawn tal-aħħar biss wieġbu w infurmaw li l-prezz għal kull borża huwa ta' € 4.25 inkluż il-VAT u jieħdu *extra charge* ta' € 29.50 tad-*delivery* meta l-ordni tkun tlaħħaq il-100 borża. Ġie deċiż li terġa' toħroġ talba għall-kwotazzjoni.

## 4. Materji Finanzjarji

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Frar 2012, li kienu jammontaw għal €26.91. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€26.91 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas – Frar 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2012 u li jammontaw għal €47,115.64. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Is*-Segretarju ċċirkolat kopji tar-Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-sena (Ott-Diċ'11) (App. 1) u l-Istqarrijiet Finanzjarji 2011 (App. 2) kif ukoll kopja tal-Minuti Nru 4/11 tal-Kumitat tal-Finanzi, fejn dawn ir-rapporti ġew approvati.

Il-Viċi Sindku spjega li waqt il-laqgħa tal-Finanzi, fejn il-membri kollha preżenti kienu attendew għal din il-laqgħa ma' kien hemm l-ebda problemi, għaldaqstant ppropona li l-Kunsill jadotta l-Minuti li jinkludu r-Rapport Finanzjarju u l-Istqarrijiet Finanzjarji 2011.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva dawn il-Minuti w ir-rapporti kif preżentati.

## 3. *Resurfacing* l-*area* hdejn il-Grawnd

Is-Sur Abdilla qal li hu ressaq dan l-*item* fl-Aġenda f'isem il-ġenituri ta' 90 tifel/tifla li jużaw il-grawnd tal-futbol il-kbir. Is-Sur Abdilla qal li ħafna ġenituri jakkumpanjaw lit-tfal biex imorru għat-*training* u dawn l-istess ġenitrui jispiċċaw fit-tajn. Barra minn hekk it-tfal li jidħlu ġol-grawnd, idaħħlu magħhom ħaxix u tajn li hemm fl-*area* tal-madwar. Għaldaqstant is-Sur Abdilla kompla jgħid li hemm il-ħtieġa li f'din l-*area* isir xi ħaġa, qal ukoll li ma jidħolx fil-mertu jekk issirx bit-tarmak jew konkos.

Is-Sur Vassallo qal li hu qal li din l-*area* ma tistax issir għalissa minħabba problema tal-finanzi. Qal ukoll li jaf li din il-biċċa art tinsab fi stat ħażin. Is-Sur Vassallo

kompla jgħid li bħal ma ntqal aktar kmieni f'din il-laqħha, hu flimkien mas-Segretarju ltagħqa mal-kumitat tal-futbol u dawn se jaraw jistgħux jiffinanzjaw nofs is-somma li jikkwota l-Perit Bonnici biex issir l-*area* msemmija bit-tarmak.

Għaldaqstant dan is-suġġett nerġgħu nitkellmu dwarhu aktar il-quddiem.

**6. Toroq**

Is-Sindku qal li ser isiru toroq qabel oħrajn għax dawn jinsabu fi stat aktar ħażin. Is-Sindku qal li t-toroq reġgħu mimlijin toqob u għaldaqstant hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża oħra tarmak. Qal ukoll li l-Kunsill qed ikollu jixtri ħafna minn dawn il-boroż u Segretarju qalet li l-aħjar terġa' tinħareġ sejħa għall-offerti tal-boroż tat-tarmak.

Il-Kunsill qabel.

**7. Qlugħ u tħawwil ta' Sigar**

Dwar il-kampanja 34U is-Sindku qal li se jinqalgħu siġar minn fuq Santu Rokku sabiex minflokhom jitħawwlu siġar żgħar oħrajn li jiġu bħala *bushes*, dawn iservu bħala lqugħ minflok ħajt. Qal ukoll li waslu żewġ offerti, waħda mingħand Grezzju Ellul ta' €200 biex iwitti u jitfa' l-ħamrija ħdejn il-kappella ta' Santa Lucija u oħra mingħand Frans Bonnici ta' €150 biex jaqla' w jġorr il-palm li hemm fuq Santu r-Rokku w l-bandli.

Nhar il-15 ta' April ser issir quddiesa miċ-*Chaplain* tal-MIA u jitħawwlu siġar ħdejn il-kappella ta' Sant Lucija.

**8. Talba ghad-devoluzzjoni tal-art fi Triq il-Ħannieqa**

Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill jixtieq jitlob id-devoluzzjoni ta' biċċa art li tinsab fi Triq il-Ħannieqa sabiex il-quddiem jitlob li jsir *day centre* u *night shelter* għall-anzjani tar-raħal.

Il-Kunsill qabel.

**9. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li jeħtieġ inkellmu lill-kunsillier Picco biex naraw f'hiex wasal il-fuljett għax issa wasal iż-żmien li dan joħroġ. Qal ukoll li diġa' hemm min irrid jirriklama fil-fuljett. Il-Kunsill qabel.

b. Il-Kunsilliera Agius qalet li tiġi organizzata ġurnata għal Għawdex għall-anzjani, u din tkun abbinata ma' Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel.

c. Il-Kunsilliera Agius staqsiet ukoll jekk hux ser issir quddiesa f'Jum Ħal Għaxaq għal dawk li jagħlqu 25 sena miżżewġin din is-sena. Is-Sindku qal li din il-quddiesa ser issir u dawn il-koppji jingħataw tifkira. Il-Kunsill qabel.

**10. Aġġornament**

Is-Sindku fil- 4.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 10 ta' April, 2012, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tlieta, 10 ta' April, 2012**